26 ta' Marzu, 1955

**Imħallef:**

Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Giorgina Ghigo

## Fdal — "Rubbish" — Ubbidjenza għall-Ordnijiet tal-Awtorità — Appell — Art. 108(2) u (3) tal-Kap. 13

*Ħadd ma jista' jżomm, jew iħalli li tinżamm, ebda akkumulazzjoni ta' fdal ("rubbish") f'ebda post.*

*L-ewwel parti ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi teżiġi li l-fatt vjolatur tal-liġi jkun qiegħed isir mill-persuna imputata, jew almenu minn persuni li għalihom l-imputat għandu "vicarious responsibility (impjegati, sefturi, ecc.). It-tieni parti timplika li l-persuna imputata tkun taf bil-fatt vjolatur, u ntant tħallieh isir.*

*Għaldaqstant is-sid ta' barriera, fejn in-nies jitfgħu minn dan il-fdal, li ma jkunx jaf b'dak l-att abużiv fil-waqt li kien qiegħed jiġi kommess, ma jaqgħax taħt din id-dispożizzjoni tal-liġi, għax ma jistax jinżamm li l-fdal akkumulah hu jew ħalla li jiġi akkumulat.*

*Kieku sid il-barriera ġie regolarment avżat biex ineħħi dak il-fdal akkumulat u ma neħħiehx, jista' jiġi mputat li naqas li jobdi*

*ordni tas-Suprintendent tas-Saħħa Publika, imma mhux li żamm jew ħalla li jinżamm dak il-fdal.*

*U jekk l-imputazzjoni tkun saret taħt id-dispożizzjoni fuq imsemmija, ma tistax fl-appell tinbidel f'dik ta' nuqqas ta' ubbidjenza għal ordni ta' l-awtorità; għax fl-appell l-imputazzjoni ma tistax tiġi mibdula.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni tal-Pulizija kontra l-imputata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, talli fit-23 ta' Diċembru, 1954, l-Imqabba, Trieq it-Torri, f'barriera, żammet ġabra ta' fdal;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-19 ta' Jannar, 1955, li biha sabet l-imputata ħatja skond l-imputazzjoni u kkundannatha għall-ammonizzjoni u riprensjoni, u tatha ħmistax il-ġurnata żmien biex tikkonforma ruħha mal-liġi, taħt penali ta' 2s.6d. għal kull jum ta' nuqqas;

Rat ir-rikors li bih l-imputata appellat, u talbet li d-deċiżjoni fuq imsemmija tiġi revokata, u li hi tiġi liberata;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Brevement, il-fatti huma dawn: Żewġ l-imputata kien ħa din il-barriera, fejn insab dan ir-"refuse", b'ċens. In segwitu emigra, u apparentement, peress li l-barriera ma ntużatx aktar, in-nies bdew jitfgħu r-"rubbish" fiha, u sa anki waqqgħu il-ħajt li żewġ l-imputata kien tella', għal darba tnejn. F'okkażjoni preċedenti, l-Awtorità Sanitarja kienet bagħtet avviż lill-imputata biex tnaddaf din il-barriera, u l-imputata naddfitha, iżda n-nies baqgħu jagħmlu l-istess bħal qabel. L-imputata toqgħod Ħal Qormi; il-barriera hi fl-Imqabba;

Ma hemmx bżonn jingħad li hu paċifiku bejn prosekuzzjoni u difiża li x-xħit ta' dan ir-"rubbish" kien att ta' terzi persuni, bla ma l-imputata, fil-ħin li fih dan l-att kien isir, kienet taf bih;

Issa, l-imputazzjoni hi taħt l-art. 108(2) tal-Kap. 13, li jgħid hekk: "No person shall keep, or suffer to be kept, in any place any accumulation of refuse or rubbish";

Anzi proprjament l-imputazzjoni hi taħt l-ewwel parti ta' din id-dispożizzjoni; għax l-imputata hi addebitata talli "żammet" din l-akkumulazzjoni ta' "rubbish" ("keep"), u

mhux talli ħalliet li tinżamm l-istess akkumulazzjoni ("suffers to be kept");

Issa, il-fatti tal-każ ma jadattawx ruħhom għall-imputazzjoni "to keep", li teżiġi li l-fatt vjolatur tal-liġi jkun qiegħed isir mill-persuna imputata, jew almenu minn persuni li għalihom dik il-persuna għandha "vicarious responsibility" (impjegati, sefturi tiegħu, ecc.). F'dan il-każ, il-fatt qiegħed isir minn terzi assolutament estranei għaliha, u kontra kull possibbiltà ta' preżunzjoni ta' kunsens tagħha; għax ma jistax jiġi raġjonevolment preżunt li l-imputata qegħedha tagħti l-kunsens li jsir att li lilha jkun qiegħed jarrekalha ħsara;

Lanqas tista' tinstab fl-imputata dik li tissejjaħ "absolute" jew "strict responsibility" in bażi għad-dottrina ta' "recklessness"; għax fil-fatt hi jew żewġha ħadu ħsieb billi tellgħu ħajt; u l-imputata, f'okkażjoni preċedenti, fuq ċitazzjoni, naddfet il-barriera;

Il-Prosekuzzjoni osservat li hemm anki, fid-dispożizzjoni tal-liġi, l-alternattiva kontenuta fil-kliem "suffers to be kept";

Issa, apparti din il-konsiderazzjoni li, kif kemm il-darba ġie ritenut minn dawn il-Qrati, l-imputazzjoni ma tistax titbiddel fl-appell, hu evidenti li l-kelma "suffers" timplika li l-persuna imputata tkun taf bil-fatt vjolatur, u intant tħallieh isir. Jgħid l-awtur Glanville Williams, fit-test tiegħu "Criminal Law — General Part" (1953 edit., p. 41): " ...... 'permits' then implies knowledge. So do words of similar meaning, such as 'allows' and 'suffers'. For as Lord Coleridge, C.J., said, how can a man suffer a thing to be done when he does not know of it?" U jiċċita diversi deċiżjonijiet fin-nota no. 17 in kalċe tal-paġina;

Hu evidenti li l-imputata ma kienetx taf bl-att abużiv tat-terzi meta dan kien qiegħed isir, u ma setgħetx għalhekk tħallieh isir, ċjoè tittollerah b'mod ta' taċita approvazzjoni;

Għalhekk il-fatti ma jinkwadrawx ruħhom tajjeb mad-dispożizzjoni tal-liġi, li taħtha saru l-proċeduri odjerni;

Kien ikun divers il-każ kieku ġie regolarment pruvat li ġie mibgħut lill-imputata avviż taħt it-tielet subartikolu ta' l-artikolu fuq ċitat nru. 108, u kieku, jekk il-kumulu ta'

"rubbish" ma tneħħiex minnha in segwitu ta' dan l-avviż, saritilha ċitazzjoni "mhux bl-imputazzjoni preżenti", imma bl-imputazzjoni "li hi naqset li tobdi l-ordni tas-Suprintendent tas-Saħħa Publika"; għax appuntu, fir-raba' subartikolu, il-liġi televa ghal kontravvenzjoni separata u speċifika d-diżubbidjenza għal dak l-ordni, bil-kliem: "If the occupier or owner, as the case may be, fails to comply with any such order of the said Superintendent, he shall be guilty of a contravention ......";

F'dan il-każ, apparti li l-avviż taħt it-tielet subartikolu ġie biss imsemmi mix-xhud spettur sanitarju Grech, bla ma ġie pruvat regolarment, kif soltu jsir, bl-eżibizzjoni ta' kopja tiegħu, l-imputazzjoni ma ġietx affattu bażata fuq is-subartikolu (3) u (4), fis-sens li l-imputazzjoni tkun "talli l-imputata naqset li tobdi l-ordni tas-Suprintendent tas-Saħħa Publika eċċ.", imma ġiet erroneament bażata fuq it-tieni subartikolu, li ma japplikax għall-fattispeċje. Kif ingħad, f'sedi ta' appell ma hux ammissibbli li r-reat imputat jinbidel;

Għaldaqshekk tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-imputata mhux ħatja, u tordna li tiġi liberata.